MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2011

Talba Numru. 1571/2010

**Vodafone Malta Limited – C10865**

**vs**

**Paul Bugeja – ID40447M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-kawza li permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta’ disa’ mija u wiehed u ghoxrin ewro u tmienja u tletin centezmu (€921.38c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta` attrici bhala hlas ta’ servizzi prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti liema rendikont anness u mmarkat bhala Dok “A”, fejn il-konvenut gie interpellat diversi drabi b’ talba ghal pagament effettiv izda dan baqa’ inadempjenti ghal tali talba u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sallum.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' l-ammont pretiz kif kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Ra illi ghalkemm il-konvenut mhux notifikat deher fis-seduta tallum u ikkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici huwa dovut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u wiehed u ghoxrin ewro u tmienja u tletin centezmu (€921.38c) bl-imghax kif miltuba u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------